



Brussell, 19 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8505/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0004(NLE)

AVIATION 113
RELEX 395
ENV 281
CLIMA 95

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	ST 5764/18 REV6
Nru dok. Cion:	ST 5261/18 + ADD1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tan-notifika tad-differenzi dwar l-Annessi għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali • Adozzjoni

1. Fil-15 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali.
2. Il-proposta ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fit-12 ta' Frar 2018, fis-26 ta' Frar 2018 u fid-19 ta' Marzu 2018. Id-delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar il-proposta b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tagħha u d-diskussjonijiet waqfu minħabba n-nuqqas ta' appoġġ għall-adozzjoni ta' deċiżjoni qafas.

3. Fid-dawl tal-għadd dejjem jikber ta' proposti mill-Kummissjoni għal deċiżjonijiet tal-Kunsill biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-UE fl-ICAO u l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar il-kwistjoni¹, il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni għall-preżentazzjoni tad-differenzi fis-sikurezza tal-avjazzjoni u tul ta' żmien sal-1 ta' Diċembru 2022. It-test ta' kompromess ġie diskuss fil-laqgħat tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni tal-11 ta' Marzu 2021, it-22 ta' April 2021 u l-10 ta' Mejju 2021. Id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom u pprovdew kummenti dwar it-test propost mill-Presidenza.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden jadotta d-deċiżjoni kif tinsab fid-dokument 8507/21 (kif riveduta mill-ġuristi-lingwisti) u japprova l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE li tinsab fiha f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss.

¹ ST 10756/20.